V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11042 – BLACKROCK / AT&T / GIGAPOWER)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 51/04)

1. Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BlackRock, Inc. (BlackRock, l-Istati Uniti tal-Amerka),

— AT&T Inc. (AT&T, l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Gigapower, LLC (Gigapower, l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollat minn AT&T.

BlackRock u AT&T jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Gigapower.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— BlackRock hija maniġer tal-investiment. BlackRock Alternatives Management, LLC, is-sussidjarja ta' Blackrock li se takkwista kontroll bi sħab ta' Gigapower, tikkontrolla u tiġġestixxi deċiżjonijiet ta' investiment ta' fond li jiffoka fuq investimenti fil-katina tal-valur diġitali, tat-trasport, tal-enerġija u tal-infrastruttura tal-enerġija.

— AT&T hija fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni u teknoloġija.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' Gigapower se jkunu l-inġinerija, il-kostruzzjoni, is-sjieda u t-tħaddim ta' networks tal-fibra fl-Istati Uniti tal-Amerka, u se joperaw bħala bejjiegħa bl-ingrossa tal-fibra għall-Forniturі tas-Servizz tal-Internet u negozji oħra fl-Istati Uniti tal-Amerka.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11042 – BLACKROCK / AT&T / GIGAPOWER

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË